MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Settembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Joseph Brincat**
**(ID: 197159M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Joseph Brincat** talli fit-13 ta' Lulju 2016, għall-ħabta ta' nofsinhar u ghoxrin minuta (12:20hrs*)* u fil-ġranet u ġimgħat immedjatament preċedenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni, bl-imġieba tieghu kkaġuna lil martu Catherine Brincat detentriċi tal-karta tal-identita' numru 214169(M), biża' li se tintuża vjolenza kontriha, ai termini tal-Artikoli 18 u 251B(1) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil martu Catherine Brincat detentriċi tal-karta tal-identita' numru 214169(M) biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama jew jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamilt lil ħaddieħor u ċioe lil martu Catherine Brincat, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, ai termini tal-Artikoli 339(1)(e), Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2016 lill-kwerelanta Catherine Brincat tiddikjara li qieghdha tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li ma tixtieqx tixhed fil-konfront tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza jirrigwarda kwistjonijiet familjari li hemm ghaddejjin bejn l-imputat u martu Catherine Brincat.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2016 il-kwerelanti irrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u ghazlet li ma tixhidx kontra l-imputat zewgha.

Illi ghaldaqstant, fin-nuqqas tal-ahjar prova, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, qieghdha tiddikjara lill-imputat **Joseph Brincat** mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur